MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 473/2000/1

**Palm Shipping Agency Ltd**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta rikorrenti wara li ppremettiet u esponiet bir-rispett illi fit-23 ta' Frar 2000, l-esponent gie notifikat b'ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata tal-Kontrollur tad-Dwana illi ai fini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kkonferma bil-gurament illi l-Gvern ta' Malta, kif rapprezentat minnu, huwa kreditur tal-esponent fis-somma ta' hames mija u seba' u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu (Lm527.30) bhala hlas ghall-attendenza ta' ufficjali tad-Dwana mal-bastiment m.v. DEVO bejn s-26 ta' Jannar, 1999 u l-31 ta' Jannar, 1999 u permezz ta' l-

istess ittra s-socjeta esponenti giet interpellata sabiex ihallas dan l-ammont fi zmien jumejn;

Illi permezz ta' dan ir-rikors ai fini tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 466 s-socjeta esponenti qed tikkontesta t-talba tal-intimat u titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi t-talba tal-intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan ghar-ragunijiet segwenti;

Illi preliminarjament is-socjeta' esponenti ma hijiex il-legittima kontradittur ghat-talbiet tal-intimat u dan ghaliex s-socjeta' esponenti qatt ma rrikjediet tali servizzi u dawn lanqas ma gew provduti lilha;

Illi kontrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-intimat fl-invoice datat 24 ta' Frar, 1999 anness mar-rikors u mmarkat Dok A u fl-interpellazzonijiet sussegwenti tieghu s-socjeta' esponenti qatt ma ghamlet ebda rikjesta ghall-attendenza tal-ufficjali tad-dwana u dan ghaliex fil-fatt l-partijiet kienu ftehmu illi fic-cirkostanzi ma kien hemm ebda bzonn ta' tali attendenza;

Illi fil-fatt l-bastiment ma kienx ser ihott jew jghabbi xi merkanzija jew affarijiet ohra izda dahal Malta biss sabiex jsirulu xi tiswijiet, u barra minn hekk il-bastiment rmiggja f'post illi ghalkemm mhux kontrollat mid-dwana kien ben sorveljat kemm mill-ufficjali tal-awtorita' tal-portijiet kif ukoll minn ufficjali tal-bastiment stess;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet mal-wasla tal-valur f'Malta s-socjeta' esponenti ftiehmet mal-intimat illi ma kien hemm ebda bzonn ta' attendenza ta' ufficjali tad-dwana u s-socjeta' esponenti nfurmat lill-intimat illi ma kienetx ser tassumi ebda responsabbilta' ghal hlas ta' tali servizz fil-kaz li dan jigi provdut, u in risposta s-Sur John Sammut in rapprezentanza tal-intimat ikkonferma illi ma kienx ser ikun hemm ebda attendenza minn ufficjali tad-dwana;

Illi minkejja dan u minghajr ebda preavviz u kuntrarjament ghall-ftehim bejn il-partijiet fl-24 ta' Frar, 1999 s-socjeta' esponenti rceviet l-'invoice' fuq imsemmi ghall-hlas tal-attendenza tal-ufficjali tad-dwana fid-dati u l-hinijiet hemm

indikati liema attendenza mhux talli qatt ma giet rikjesta mis-socjeta'  esponenti izda ukoll gie mifitehem illi ma kienx hemm 'l bzonn taghha u s-socjeta' esponenti kienet gia' stqarret illi ma kienetx ser tassumi r-responsabilta' ghall-hlas taghha;

Illi minkejja illi s-socjeta' esponeneti b'ittra datata 23 ta' Frar, 1999, (Dok 'B') indikat lill-intimat illi kull talba ghall-pagament tas-servizzi allegatament provduti lill-bastiment ghandha tigi indirizzata lill-Master tal-bastiment qabel dan ma jsalpa fis-26 ta' Frar, 1999, l-intimat naqas milli jaghmel dan b'rizultat illi ma kellu ebda alternattiv hlief li tibghat il-kont lis-socjeta esponenti;

Illi s-socjeta' esponenti ma ghandiex tassumi r-responsabbilta' tan-nuqqasijiet tal-intimat u lanqas ma ghandha tigi kkundannata li thallas ghal servizz provdut bla bzonn, minghajr il-kunsens taghha u kontra l-ftehim taghha mal-intimat stess;

Illi barra minn hekk, u minghajr pregudizzju, t-talba tal-intimat hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi fil-fatt ma kien hemm ebda attendenza ta' ufficjali tad-dwana fid-dati u hinijiet indikati fl-'invoice' anness mar-rikors kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi t-talba tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u seba' u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu (Lm527.30) ghall-attendenza ta' ufficjali tad-Dwana mal-bastiment m.v. DEBO bejn s-26 ta' Jannar, 1999 u l-31 ta' Jannar, 1999 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll id-dokumenti, annessi mal-istess rikors, a fol 2 sa fol 5.

Rat id-digrieti Taghha preliminari (fol 6 u fol 8 ibid).

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 9 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Preliminarjament illi ghal finijiet ta' terminu ghal prezentata tar-risposta, ir-rikors tas-socjeta rikorrenti li gie

notifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fl-20 ta' Marzu 2000 ghadu ma giex notifikat lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap 12;

2. Fil-mertu, l-esponent jikkonferma illi l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali mahruga a bazi tal-Art. 466 tal-Kap 12 datata 18 ta' Frar 2000 huwa dovut intierament mis-socjeta' rikorrenti;

3. Illi s-socjeta' rikorrenti bhala agenta tal-bastiment m.v. DEBO hija l-legittima kontradittur ghat-talba ghal hlas mill-esponent a bazi tar-Regolament 38(3) tad-Dwana (kopja annessa bhala Dok KTD 1) li jispecifika li hlas ghall-attendenza tal-Ufficjal tad-Dwana ghandu jsir mil-Master tal-vapur JEW mill-agent;

4. Illi l-fatt li s-socjeta' rikorrenti m'ghamlitx rikjesta formali ghall-attendenza tal-ufficali tad-dwana jew il-fatt li forsi ma ntalabx il-kunsens taghha hija rrilevanti stante li d-decizjoni jekk tintbaghatx din l-attendenza mal-bastiment u n-numru ta' ufficjali li jintbaghtu hija purament diskrezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana li jezercita tramite l-*Pratique Officer in charge* f'dak il-hin u dan a bazi tar-Regolament 32 tad-Dwana (kopja annessa bhala Dok KTD 2). Fil-fatt fil-kaz odjern il-*Pratique Officer* iddecieda li jassenja l-attendenza tal-Ufficjal minhabba li kienu ser isiru xi tiswijiet fuq il-bastiment. Ma hemm ebda obbligu legali ghall-esponenti li joqghod jinforma lill-agenti jew lill-Master tal-bastiment b'din id-decizjoni. Illi ghar-ragunijet premessi, l-esponent kategorikament jichad l-allegazzjoni tas-socjeta' rikorrenti fir-raba' paragrafu tar-rikors li kien sar xi ftehim bejn il-partijiet li tali attendenza ma kienitx mehiega.

5. Illi inoltre l-esponent jirrileva li l-allegazzjoni tas-socjeta' rikorrenti f'pagaragrafu 6 li s-Sur John Sammut 'ikkonferma' li ma kienx ser ikun hemm attendenza tal-ufficjali hija nveritiera u dan stante li kien diga' gie spegat, huwa l-*Pratique Officer in charge* li jista' jiehu tali decizjoni, apparti l-fatt li l-istess John Sammut jichad li huwa qatt ta tali konferma;

6. Illi l-esponent jirribatti wkoll l-allegazzjoni tas-socjeta' rikorrenti rigward l-assenza tal-Ufficjal tad-Dwana fid-dati u l-hinijiet indikati fl-*invoice* esebit minnhom stess, u dan peress li l-istess Ufficjali kienu jkunu soggetti ghall-spezzjonijiet mis-Superjuri taghhom mill-inqas darbtejn

f'gurnata u kienu wkoll jiffirmaw *Patrol Sheets* li jikkonfermaw il-prezenza taghha fuq il-post, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
7. Illi inoltre, Crucifix Wharf, il-post fejn trakka l-valur in kwistjoni mhuwiex *Legal Landing Place* (kif jidher mill-First Schedule tar-Regolamenti tad-Dwana annessa bhala Dok KTD 3) li jfisser li hija fid-diskrezzjoni tal-esponent jekk jibghatx attendenza tal-ufficjali tad-Dwana. Il-prezenza o meno ta' ufficjali ohra mill-awtorita' tal-portijiet jew ufficjali mill-bastiment stess hija rrelevanti stante li d-doveri u l-funzjoni ta' dawn l-ufficjali hija differenti minn dik tal-ufficjali tad-Dwana.
8. Ghar-raginijiet suesposti, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tikkonferma li l-ammont indikat fl-ittra ufficjali huwa dovut lill-esponent.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess risposta a fol 11 sa fol 13.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi b'referenza ghar-rikors in esami, jigi rilevat illi waqt it-trattazzjoni orali, is-socjeta rikorrenti kienet <u>irtirat</u> l-ewwel premessa sottomessa, preliminarjament, minnha fejn jinghad "illi preliminarjament is-socjeta esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tal-intimat …."

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fil-<u>mertu</u>, jirrisulta mill-provi prodotti illi <u>bejn is-26 u l-31 ta' Jannar 1999</u> kien, hawn Malta, il-vapur "M.V. Devo" bis-socjeta rikorrenti bhala l-agent lokali. L-istess vapur kien dahal f'Malta mhux ghax kellu merkanzija destinata ghal hawnhekk u sabiex tinhatt izda sabiex jsiru xi riparazzjonijiet fuqu deskritti bhala minuri. Ghal dan il-ghan, l-istess vapur kien ittrakka ma xatt il-Kurcifiss li kif jidher mid-dokument a fol 13 ma kienx "an approved

landing place". F'dan il-perijodu, jidher mill-provi prodotti, illi l-intimat kien effetivament, uza id-deskrizzjoni moghtija lilu mill-ligi skond kif jidher mir-regolament numru tnejn u tletin (32) tad-Dwana (ara fol 12 ibid) u ghalhekk kienu intbaghtu u gew dettaljati diversi ufficjali tad-Dwana sabiex jghassu l-istess vapur minn fuq in-noll u dan a basi tar-regolament numru tmienja u tletin (38) subinciz tlieta (3) (ara fol 11 ibid). Bhala konsegwenza ta' dan l-intimat kien talab, a bazi tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta is-somma ta' Lm527.30 bhala hlas ghall-attendenza ta' ufficjali tad-Dwana sabiex jghassu l-istess vapur ghall-iskop tal-protezzjoni tal-erarju.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jinkwadra ruhu, tista' tghid perfettament, f'kaz iehor citat mill-initmat u deciz mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet S. Mifsud and Sons Limtied vs Kontrollur tad-Dwana (rikors 254R/ 1999) kopja ta' liema sentenza hija annessa ma dawn l-atti a fol 106 et seq ibid).

Illi din il-Qorti tara li ghandha tiddeciedi dan il-kaz fl-istess mod kif il-Qorti ddeciediet il-kaz li ghadu kemm gie citat.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, jidher li l-intimat ghandu d-dritt, kemm fuq basi ta' fatt kemm legalment, illi jithallas l-ammont, pretiz minnu fl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjes kontra l-istess socjeta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------